**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 171**

It-Tlieta, 14 ta' Novembru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.01 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Byron Camilleri u l-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli l-Onor. Roderick Galdes kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo, l-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Albert Buttigieg u l-Onor. Robert Cutajar kienu skużati.

L-Onor. Davina Sammut Hili kienet imsiefra fuq xogħol tal-partit.

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur l-Onor. Julia Farrugia Portelli, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Keith Azzopardi Tanti, is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said, il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Chris Agius, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, l-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Eve Borg Bonello, l-Onor. Ryan Callus, l-Onor. Katya De Giovanni, l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici u l-Onor. Romilda Zarb kienu assenti.

**TALBA**

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 170 li saret fl-14 ta' Novembru 2023 kienu konfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2545 — Tweġiba għal mistoqsija parlamentari 27 li saret lis-Sedja mill-Onor. Karol Aquilina dwar investigazzjonijiet pendenti quddiem il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 11222 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed fuq il Mejda tal Kamra:

P.L. 2546 Avviż Legali Nru 264 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Standards Minimi għall-Protezzjoni tal-Majjali;

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet qiegħed fuq il Mejda tal Kamra:

P.L. 2547 Ftehim ta' Allokazzjoni ta' Fond (Tenement No: E 269981) fi Triq Dun Karm, Swatar l/o Msida, lid-Dipartiment tas-Saħħa għal Acute Psychiatric Hospital, datata Lulju 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 13308.

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2548 Avviż Legali Nru 267 tal-2023 – Avviż ta' Bidu fis-Seħħ li jistipula d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolamenti tal-2022 dwar il-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Konvenzjoni UNCRPD (A.L 209 tal-2022) (L.S. 627.01) għandhom jidħlu fis-seħħ.

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2549 Korrezzjoni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 13109 dwar tappieri f'Ġnien Ovindoli f'Ħal Tarxien li ngħatat fis-seduta 169 tat-13 ta' Novembru 2023.

f'isem il-Ministru għal Għawdex qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2550 Tabella li turi n-numru ta' ħaddiema li jagħmlu xogħol ta' tindif f'bajjiet madwar Għawdex u Kemmuna maqsuma skont il-bajja, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 12872.

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2551 Lista ta' toroq li fihom l-Enemalta għamlet sistema ġdida għad-distribuzzjoni tal-elettriku taħt l-art fil-perjodu bejn Ġunju 2020 u Novembru 2023, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 13116; u

P.L. 2552 Tagħrif dwar ir-rata li biha nbiegħ kull kWh li l-Enemalta ġġenerat fl-2022 u fl-2023 maqsuma skont kontijiet domestiċi, residenzjali u non-residenzjali, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 13340;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il Mejda tal Kamra:

P.L. 2553 Avviż Legali Nru 265 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar is-Sħubija ta' Malta fil-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp; u

P.L. 2554 Avviż Legali Nru 266 tal-2023 – Regoli tal-2023 li jemendaw ir-Regoli dwar Tnaqqis u Krediti ta' Taxxa (Kwalifiki Rilevanti għall-Industrija); u

f'isem il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2555 Pjanta tal-1968 li turi l-impjant tal-asphalt tal-Bitmac ġewwa x-Xwieki, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 13091.

**PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU TAL-KAMRA**

L-Onor. David Agius ġibed l-attenzjoni tas-Sedja illi għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari Nru 13233, il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali talbu jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 20995 tat-Tnax-il Leġiżlatura, u l-Onor. Agius innota wkoll li s-suġġett ta' dik id-domanda ma kienx relatat mal-mistoqsija tiegħu. Huwa żied li anke jekk wieħed jassumi li dan kien żball u minflok kellu jirreferi għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 20995 tat-Tlettax-il Leġiżlatura, xorta waħda l-Ministru ma jkunx qed iwieġeb għall-mistoqsija tiegħu.

L-Ispeaker qal illi huwa kien ser jara t-talba u jagħti direzzjoni fi stadju ulterjuri.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**ESTIMI ĠENERALI 2024 - KUMITAT TA' PROVVISTA – IS-SITT SEDUTA STABBILITA**

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. David Agius, Deputy Speaker, ippreseda.

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, l-Onor. Ian Borg, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 15 - MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €58,616,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 15 - Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT VI - MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €7,183,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot VI - Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

Id-Deputy Speaker informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fl-4.36 p.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Beppe Fenech Adami ressaq din l-Emenda:

**VOT 15 - MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ**

***Personal Emoluments***

***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€54,225" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€54,222".

*Delete the figure "€54,225" and substitute therefor the figure "€54,222".*

Fil-5.56 p.m. skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Beppe Fenech Adami, l-Onor. Mario de Marco u l-Onor. Bernice Bonello għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Ian Borg, l-Onor. Carmelo Abela, l-Onor. Edward Zammit Lewis u l-Onor. Amanda Spiteri Grech għan-naħa tal-Gvern.

Fis-7.19 p.m. id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.

Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ irrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

**AĠĠORNAMENT**

Fis-7.20 p.m. il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ ppropona l-aġġornament tal-Kamra għall-Erbgħa, 15 ta' Novembru 2023 fid-9.00 a.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

**Is-Seba' Seduta Stabbilita – Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali**

Vot 20 - Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali
Vot VIII - Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali - Kapital

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

L-Onor. Ian Borg informa wkoll lill-Kamra li f'din is-seduta, mistoqsijiet parlamentari setgħu jsiru bejn id-9.00 a.m. u l-9.30 a.m. u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fis-7.21 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**